OMBUDSMAN

MALTA

**Każ Nru CEP-25-5884**

26 ta' Settembru 2025

Onorevoli Speaker Dr Angelo Farrugia
Kamra tad-Deputati
Pjazza Ħelsien
Valletta VLT 1111

Onorevoli Speaker

A tenur tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman qed tintbagħat lilek kopja tal-Opinjoni Finali flimkien ma' dokumenti oħra relevanti għall-każ sabiex dawn jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra għall-attenzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati.

Din l-Opinjoni tirrakkomanda li l-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni jżid lill-Kamra tal-Ġeoloġi bħala membru tal-Kunsill Konsultattiv dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni (BCCC).

Dan l-Uffiċċju ħa nota tal-fatt li l-konsultazzjoni li saret mill-Ministeru għat-talba tal-Kamra tal-Ġeoloġi ma sabitx l-appoġġ tal-BCCC u fehem ukoll li għaddejja konsultazzjoni għal riforma fis-settur tal-kostruzzjoni f'qafas inklussiv, bilanċjat u rappreżentattiv. Madankollu, dawn m'għandhomx iwaqqfu l-implimentazzjoni minnufih tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju kemm billi l-Ministeru m'għandu bżonn l-ebda sapport tal-BCCC kif spjegat sew fl-istess Opinjoni Finali u kif ukoll billi l-inklużjoni tal-Kamra tal-Ġeoloġi f'dan l-istadju hi tant neċessarja għall-istess riforma fis-settur tal-kostruzzjoni.

Tislijiet

Imħallef Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

Perit Alan Saliba
Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar

Dokumenti annessi

Ikkuppjati: 1. Segretarju Permanenti Ewlieni, Uffiċċju tal-Prim Ministru
2. Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni
3. Complainant